# AVVIŻI

1. Il-Ħadd 1 u 15 ta' Jannar 2023 fit-3.00p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Frar 2023 fit-3.30p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Marzu 2023 fl-4.00p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' April 2023 fil-5.30p.m.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefown. **Grazzji mingħajr isem sħiħ, indirizz u numru tat-telefown ma jiġux ikkunsidrati.** Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' sħubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Azzopardi, 384, Triq Mons. Mikiel Azzopardi, Siġġiewi, SGW 2016 jew email fuq ourladyofconsecration@gmail.com.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż kif ukoll brochure b'informazzjoni ġenerali dwar Ġuża u l-Girgenti. Dawn il-kotba u l-brochure jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz hawn fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains,* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. Kopji antiki ta' dan il-fuljett jistgħu jinqraw minn fuq il-website.
7. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org
8. Facebook: Madonna tal Konsagrazzjoni u Youtube: Guza Mifsud

**DIKJARAZZJONI:** Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieh mill-Awtorità tal-Knisja.

NEWSPAPER POST VO/0236

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 133 Jannar 2023 ĦARĠA ELETTRONIKA

## DIKJARAZZJONI

Il-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni jiddikjara li, bħalma kienet tgħid il-fundatriċi Ġuża Mifsud, ma għandu jkun hemm l-ebda forma ta' vjolenza jew qtil ta' persuni innoċenti b'abort jew mezzi oħra.
Għaldaqstant waqt il-laqgħa ta' nhar il-Ħadd fil-Girgenti (b'sostenn spiritwali għall-protesta mħabbra) ser isir talb speċjali sabiex l-Ispirtu s-Santu jdawwal l-imħuħ u jrattab il-qlub ta' dawk responsabbli sabiex il-liġi proposta filwaqt li tħares il-ħajja tal-omm fejn meħtieġ, ma tkunx miftuħa għal interpretazzjoni li biha jsir abbuż fuq il-ħajja.

***Stqarrija maħruġa mill-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni fit-2 ta' Diċembru 2022 u li nqrat ukoll waqt il-laqgħa li saret fil-Girgenti il-Ħadd 4 ta' Diċembru 2022.***

*Il-Kumitat Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni*
*jixtieq iwassal l-isbaħ xewqat tiegħu*
*għas-sena 2023*
*lill-membri kollha tal-Moviment,*
*lill-qarrejja ta' dan il-fuljett,*
*lill-Maltin u l-Għawdxin kollha u 'l proxxmu kollu.*
*Mulej ibgħat il-paċi Tiegħek fuq id-dinja kollha,*
*għaqqad il-ġnus f'imħabbtek u agħti s-serħan lil min qiegħed ibati.*

# "JEQIRDU T-TFAL LI T-TNISSIL TAGĦHOM TAHULHOM IL-MULEJ..."

Il-laqgħa tal-Ħadd 4 ta' Diċembru 2022, kienet kemmxejn differenti minn tas-soltu. Sar ħafna talb lill-Ispirtu s-Santu sabiex l-Spirtu Qaddis jitfa' l-għerf u l-qawwa tiegħu fuq min hu responsabbli sabiex dawn jaħdmu u jilleġġiżlaw favur il-ħajja u mhux għal qirda tal-innoċenti.

Fil-bidu ta' din il-laqgħa inqrat din id-dikjarazzjoni: Bħala Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni niddikjaraw li, bħalma kienet tgħid il-fundatriċi Ġuża Mifsud, ma għandu jkun hemm l-ebda forma ta' vjolenza jew qtil ta' persuni innoċenti b'abort jew mezzi oħra.

Għaldaqstant waqt il-laqgħa tallum (b'sostenn spiritwali għall-protesta/ dimostrazzjoni li qed issir bħalissa) ser isir talb speċjali sabiex l-Ispirtu s-Santu jdawwal l-imħuħ u jrattab il-qlub ta' dawk responsabbli sabiex il-liġi proposta filwaqt li tħares il-ħajja tal-omm fejn meħtieġ, ma tkunx miftuħa għal interpretazzjoni li biha jsir abbuż fuq il-ħajja.

Imbagħad intqal ir-rużarju u bħala litanija intqalet dik lill-Ispirtu s-Santu. Ingħad ukoll dan it-talb: O Spirtu mqaddes, Spirtu divin tad-dawl u tal-imħabba, jiena nikkonsagralek l-intelliġenza tiegħi, lil qalbi, ir-rieda u lili nnifsi fiż-żmien u fl-eternità. Jalla l-intelliġenza tiegħi tkun dejjem sottomessa għat-tnebbiħ tiegħek u għat-tagħlim tal-Knisja Kattolika li tagħha inti l-mexxej li ma tistax tiżbalja. Jalla ħajti tkun tixbah lill-ħajja ta' Ġesù. Ammen.

O Spirtu Qaddis, ħajja ta' ruħi, jiena nadurak: dawwalni, mexxini, qawwini, farraġni, għallimni x'għandi nagħmel, ikkmandani dak li trid minni. Inwiegħdek li noqgħod għal dak kollu li tippermetti li jgħaddi mingħalija; agħmel biss li nagħraf ir-rieda tiegħek.

Ġuża Mifsud kemm-il darba tkellmet kontra l-abort fid-diskorsi li wasslet matul is-snin. Għadaqstant ma setax jonqos li s-silta li nqrat dakinhar kienet tittratta dan is-suġġett. F'messaġġ irrekkordjat minn Ġuża fis-snin tmenin hija qalet hekk: " Issa ħa nkomplilkom ftit fuq li qaltli l-Madonna, kemm għamlet ma' dik it-tarbija, kemm għamel San Ġużepp ma' dik it-tarbija biex jagħtuha ħafna u ħafna minn dak l-għerf li l-Mulej għoġbu jżejjinha bih. Il-Madonna qaltli: "Jaħasra, jaħasra kemm hawn tfal li mhux talli ma jgħallmuhomx l-edukazzjoni ta' Alla, mhux talli ma jgħallmulhomx l-edukazzjoni tal-familja, talli jisgħobbini, jiddispjaċini, Binti, li llum ħa nasal fuqek b'dan id-diskors, li ħafna ommijiet ineħħu minn ħdanhom lil dawn it-tfal għax ma jkunux iriduhom."

Imbagħad qaltli xi ħaġa oħra, qaltli: "Inti issa m'intix ħa tarani, ħa tara viżjoni li ħa tnikktek u ħa tbikkik." Kif is-Sinjura tal-Ħajja jiena ma bqajtx nisma' u nara l-viżjoni sabiħa tagħha, jiena rajt dawn l-affarijiet isiru taħt għajnejja, ħafna ommijiet qegħdin jeqirdu t-tfal li t-tnissil tagħhom tahulhom il-Mulej.



Ma stajtx nikkonoxxi dawk il-qtajja ta' tfal x'inhuma. F'dik il-viżjoni jiena rajt qtajja kbira ta' tfal u tfal m'għandhomx aktar minn xagħrejn, jew xahar u nofs jew tliet xhur, mhux żmien f'din id-dinja, imma fi ħdan ommhom.

Il-Madonna qaltli: "Għid lil pajjiżek, għax disgrazzjatament anka f'pajjiżek hemm din il-pjaga, qed isir dan l-abort fuq dawn it-tfal innoċenti. Fid-dinja kollha hemm tfal qegħdin jinqerdu ta' din l-eta, ta' xahrejn, ta' xahar u nofs fi ħdan ommhom, jagħtuhom il-mewt jew b'ħaġa jew b'oħra. Ħa nurik f'din il-viżjoni qabda tfal jiggranfaw ma' xulxin li jridu jsalvaw irwieħhom imma m'hemmx min jiddefendihom. Iddefendihom inti bil-kelma." Kemm bkiet il-Madonna fuq din il-biċċa xogħol!

Qaltli: "Minnhom dawk l-erwieħ setgħu saru ħafna qaddisin... Wassluh anka lill-Papa dan il-messaġġ, wassluh lid-dinja." Jiena bdejt nibki b'dawk il-qabda qisni rajthom frieħ tal-qtates quddiem għajnejja, ma stajtx nirrikkoxixxi x'inhuma imma mbagħad bdejt nagħraf l-uċuħ li huma uċuħ ta' anġli żgħar, għadhom kemm il-Mulej bagħthom fid-dinja biex ommhom tagħtihom il-ħajja u dawn flok il-ħajja tathom il-mewt. F'din il-viżjoni li rajt, jiena rajt bħal qabda ramel f'qiegħ ta' baħar illi dan ir-ramel kienu dawn it-tfal innoċenti, illi ta' ftit żmien, minn xahar u nofs sa xahrejn jew ftit inqas jew ftit iżjed qegħdin jiggranfaw ma' dak ir-ramel, dawk l-idejn żgħar, daqs tal-qtates, dawk l-uċuħ, wiċċ ta' l-anġli li ma tistax tirrikonoxxi x'inhuma. Jiena bkejt u bkejt tassew, bqajt impressjonata sas-sitta ta' filgħodu...

Il-Madonna qaltli: "Kun af, binti, li d-dinja tħabblet ħafna b'din id-duttrina li ma għandhiex x'taqsam mad-duttrina li tana Alla, mal-għaxar kmandamenti t'Alla. B'din id-duttrina qegħdin jiskuraw id-duttrina li tana Alla. Din hija duttrina tad-dlam, duttrina tal-gwerer, duttrina tal-mibegħda, duttrina ta' tifrik..."

Nitolbu lil Alla sabiex flimkien naħdmu biex inħarsu l-ħajja u ma jinqerdux persuni innoċenti, persuni bla leħen...

# INSIRU NAFU AKTAR LIL ĠUŻA MIFSUD

## Mill-ittri ta' Mons. Salvatore Grima

### *(It-tieni parti)*

Kif inkiteb fil-ħarġa ta' Jannar 2022, Ġuża kemm-il darba stqarret li meta kienet tipprepara l-familji għall-att tal-konsagrazzjoni, kien ikun hemm xi wħud mill-membri li kienu jistħu jqerru għand xi ħadd is-Siġġiewi u għalhekk kienet tagħmlilhom appuntament il-Belt. Bla dubju wieħed mis-saċerdoti li kien jaqdiha f'din il-missjoni kien Dun Salv. Xhud ta' dan huma diversi ittri dwar dan is-suġġett.

F'ittra bid-data tat-12 ta' Frar 1952, Mons. Grima kiteb hekk:

***"... nixtieqek tgħid lil dak ir-raġel li jiena nkun nistennieh nhar l-Erbgħa 16 ta' dan, mill-5 ta' filgħaxija 'l quddiem, fil-Knisja tal-Ġiżwiti.***

***Peress li jiena ma nafux nixtieqek tgħidlu biex meta jarani, jersaq lejja hu. Nistennih fejn il-konfessjonarju tiegħi.***

***Għandi ngħarrfek li l-karti li ħallejtli d-darba l-oħra sibthom, u nixtieqek tibqa' titqarben mingħajr ma tqerr sakemm jew nibgħat għalik jew niġi jien is-Siġġiewi..."***

L-ittra tas-26 ta' Mejju 1952 tindika b'mod ċar li Ġuża kienet diġa bdiet tiffrekkwenta wkoll lil Dun Ġużepp Aquilina. Dan għax fl-ittra jgħid hekk:

***"Peress li għadni marid, nhar it-Tlieta ma ninżilx il-Belt.***

***Nixtieqek tibqa' titqarben kuljum u tqerr darba kull ħmistax għand Dun Ġużepp. Milli jidher il-marda tiegħi ġejja ftit fit-tul..."***




Fil-15 ta' Awissu 1952 f'ittra ndirizzata lil Sr. Roża, Dun Salv juri l-interess tiegħu f'Ġuża meta kiteb:

***"...Nixtieq nieħu ħafna aħbar ta' Ġuża għax miż-żmien ta' l-operazzjoni tagħha sallum ma smajt xejn fuqha. Jiena qiegħed nitlob għaliha biex tingħamel fiha l-volonta' t'Alla. Nibgħat inselli għalik u għaliha u nibgħat inberrikkom it-tnejn..."***

Għaxar xhur wara, f'ittra datata 10 ta' April 1953, apparti li reġa' ta appuntament lil żewġ irġiel li Ġuża kienet irrakkomandat biex imorru jqerru għandu, kelli dan xi jgħid dwar Dun Ġużepp Aquilina:

***"Issa fuq dak li qallek Dun Ġużepp, jiena għandi fiduċja kbira f'dak is-saċerdot u naħseb li inti ixxurtjata ħafna li qegħda tqerr għandu. Jiena***



***nissuġġerilek u nixtieqek li timxi fuq id-direzzjoni tiegħu u tagħmel dak kollu li jgħidlek."***

F'din l-ittra naraw ukoll kemm kien kawt meta qalilha:

***"Pero, fuq dik l-ittra li tixtieq tibgħat lill-Arċisqof, jiena ma nistax nagħti l-ġudizzju tiegħi qabel ma neżamina il-kas sewwa u qabel ma nitlob. Naħseb li inti tifhem li dawn huma affarijiet li jirrikjedu ħsieb, talb u prudenza kbira. Għalhekk, jiena ma nistax ngħidlek u la li tibgħata u lanqas li ma tibgħatiex. Mhux aħjar tagħmel kif jgħidlek Dun Ġużepp? Jiena għandi ħsieb li niktiblu u dan li għidt lilek ngħidu lilu.***

***Irrid nitolbok skuża talli ma bgħattx il-karti tiegħek kollha u nispera li nibgħathomlok f'qasir żmien..."***

Dwar dan is-suġġett kompla jamplifika fl-ittra datata 28 ta' April 1953:

***"Irċivejt l-ittra tiegħek u nhar is-Sibt kellimt ukoll lill-ħabib tiegħi Dun Ġużepp Aquilina.***

***Jiena nixtieq inkellmek u malli jkolli ftit żmien niktiblek biex ngħidlek meta tkun tista' tiġi l-Belt. Jiddispjaċini li bħalissa ninsab imħabbat ħafna u għalhekk ma nistax ngħidlek millum meta tiġi. Nixtieq ngħidlek pero minn issa li l-affarijiet li ktibtli fuqhom int jirrikjedu ħafna ħsieb u ħafna prudenza. Nirrakomandalek ukoll li titlob ħafna biex Ġesù jagħtik l-ispirtu Tiegħu u jqaddsek.***

***Nixtieqek ukoll li l-affarijiet ma tgħaġġilhomx. Inti x-xogħol tiegħek ġa għamiltu għax tkellimt mal-konfessur fuq dak li ħassejt. Issa taħsibx fuq din il-ħaġa iżjed. Oqgħod ċerta li jekk l-affarijiet ikunu verament mis-sema kollox jgħaddi 'l quddiem. Il-parir tiegħi hu li inti ma titkellimx iżjed fuqhom u tħalli kollox f'idejn Alla.***

***Kif int sejra fil-konsagrazzjoni tad-djar? Jiena nħeġġek biex dawn il-konsagrazzjonijiet tibqa' tieħu ħsiebhom għax dawn huma appostolat li bih isir ħafna ġid..."***

Ġuża Mifsud ġieli qalet fid-diskorsi tagħha (u kif jixhed ukoll il-Passaport) li l-unika mawra tagħha barra minn Malta waslitha sa' Sirakuża. Ma setax jonqos li hemmhekk ma taħsibx f'Dun Salv. Filfatt fl-ittra tat-12 ta' Ottubru 1953 kiteb hekk:

***"Irċivejt il-kartolini u l-affarijiet l-oħra tal-Madonna ta' Sirakuża u nixtieq nirringrazzjak ħafna. Jiena dejjem niftakar fik fit-talb tiegħi biex Ommna Marija Santissima tressqek iżjed lejn il-Qalb Immakulata tagħha u tgħallmek timita aktar mill-viċin lil Ġesù.***

***Nixtieqlek l-isbaħ benedizzjonijiet tas-sema fuqek u fuq l-appostolat sabiħ li qegħda teżerċita bil-konsagrazzjonijiet tad-djar lil Qlub ta' Ġesù u ta' Marija."***

Is-suġġett tal-ittri ta' l-14 ta' Novembru 1953 u tal-5 ta' Marzu 1954 jerġa

jitratta l-każi ta’ rġiel li Ġuża tkun resqithom għas-sagrament tal-qrar. Filfatt fl-ittra tal-1953, huwa kiteb hekk:

***“Jiena ma għadnix inqarar il-Ġiżwiti, imma peress li dak ir-raġel jixtieq iqerr, jiena ninżel nhar it-Tnejn li ġejjin, għall-5.30pm, biex ikun jista’ jersaq...”***

Fl-ittra tal-5 ta’ Marzu 1954, kiteb hekk:

***“Rigward dak ir-raġel li jrid jiġi jqerr, jista’ jiġi iż-Żejtun nhar ta’ Sibt wara nofsinhar. F’dawk il-ġranet jiena inqarar l-irġiel, barra għada għax għandi predika.***
***Nibgħat inselli għalik u mat-tislijiet nibgħatlek ukoll il-Barka Saċerdotali tiegħi...”***

*(Ikompli f’ħarġa oħra)*

**Dr. Sylvana Azzopardi**

## XOGĦOLIJIET FIL-GIRGENTI





Wara l-inċident tal-ħruq tal-istatwa ta' Ġesu jbati ittieħdu l-passi neċessarji sabiex mal-pedestal tal-Madonna jizdied ġebel dekorattiv bl-iskop li jiġi evitat tqegħid ta' xemgħa viċin tal-istatwa. Grazzi lill-iskultur Joseph Sammut li ħadem dan ix-xogħol bi prezz imnaqqas u lill-benefattur li ħallas il-bilanċ.

Twaħħal ukoll l-istellarju tal-Madonna li kien ġarrab ħsarat b'riħ qawwi li seħħ fix-xahar ta' Novembru. Grazzi lill-persuna li sewwiet l-istellarju bla ħlas kif ukoll lil J. Grech u lil L. Baldacchino li waħħluh b'mod aktar simetriku ma' ras l-istatwa tal-Madonna.



## L-ASSEMBLEA ĠENERALI

Fil-laqgħa tat-18 ta' Settembru 2022 fil-Girgenti saret il-Laqgħa Ġenerali sabiex jinħatar il-Kumitat li jmexxi l-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni għas-snin 2022 sa 2025.

Wara l-qari tal-minuti tal-laqgħa ta' qabel, inqara ir-rapport amministrattiv kif ukoll dak finanzjarju.

Wara ġie xolt il-Kumitat l-antik u saret il-ħatra tal-membri l-ġodda li huma Aquilina Carmelo, Attard Philip, Azzopardi Philip u Azzopardi Sylvana.

Fl-ewwel seduta tal-Kumitat li saret id-dar ta' Ġuża Mifsud, Philip Azzopardi inħatar bħala President, Sylvana Azzopardi Segretarja, Philip Attard Kaxxier u Carmelo Aquilina membru.

Il-Kumitat jirringrazzja lill-membri tal-Kumitat preċedenti għall-ħidma tagħhom u jappella lil dawk li jħossu li jistgħu jagħtu kontribut sabiex javviċinaw lill-membri hawn fuq imsemmija jew jibgħatu email fuq ourladyofconsecration@gmail.com

## TALBA

Sinjur Alla ta’ l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta’ mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta’ Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen. *Glorja lill-Missier...*